Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,629, 6 ta' Awwissu, 2010
Taqsima B

A.L. 382 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Magister Juris - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Liġi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Magister Juris, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Magister Juris - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi, ippubblikati bħala Avviż Legali 77 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2010 jew wara.

L-Emenda għat-titolu tal-ordinamenti prinċipali

3. It-titolu tal-ordinamenti prinċipali għandu jinbidel kif ġej:

"L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Laws (LL.M.) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi".

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta’ wara l-Ewwel Grad għall-grad ta’ Master of Laws (LL.M.) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi.

(2) F’dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

“il-Bord” tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Liġi;

“il-Grad” tfisser il-grad ta’ Master of Laws (LL.M.);

“il-Kors” tfisser il-programm ta’ studju li jwassal għall-grad ta’ Master of Laws (LL.M.);

“il-Postgraduate Diploma” tfisser il-Postgraduate Diploma fil-qasam ta’ studju rilevanti; u

“ir-Regolamenti Prinċipali” tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta’ wara l-Ewwel Grad.”

L-Emenda għal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

5. Il-paragrafu (2) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jkun imħassar.

6. Il-paragrafu (1) tal-ordinament 4 għandu jkun innumerat mill-ġdid bħala l-ordinament 4.

It-Tneħħija tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

7. L-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jkun imħassar.

8. L-ordinamenti 6 sa 18 għandhom ikunu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 5 sa 17.

It-Tneħħija tal-ordinament 19 tal-ordinamenti prinċipali

9. L-ordinament 19 tal-ordinamenti prinċipali għandu jkun imħassar.